## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR RACHEL AQUILINA) V. FRANKLIN XERRI (KI. 364490M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**13/02/2024**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

Taħrika ta' Kawża: **PULIŻIJA** Lil: **FRANKLIN XERRI (364490M)** Vettura: **LEH247 KIA**
Billi int akkużat talli fid-data, ħin u post hawn imsemmi
Data u Ħin: **Nhar it03/03/2020 ghal habta ta`15:55hrs**

Post: **TRIQ IL- BELT VALLETTA** Lokalita': **QORMI**

**(1) Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnek jew min dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma tkunx issehh polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni** ( Kap 104 Artiklu 3 (1) )

**(2) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, li ma kelliex licenza** ( Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3) )

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta’ PS 0674 Nigel Mallia (*affidavit*), PC 250 Clayton Caruana Gould (*affidavit*) u Stephen Cachia (*affidavit*) għal Transport Malta.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. L-ewwel imputazzjoni ossia dik tas-sewqan tal-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni LEH 247 meta għall-użu ta’ dik il-vettura mill-imputat ma kienetx fis-seħħ polza ta’

assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, tirriżulta illi hija preskritta bit-trapass taż-żmien statutorju (sitt xhur) mid-data tal-allegat reat sad-data tan-notifika.

2. It-tieni imputazzjoni, ossia s-sewqan tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LEH 247 meta din ma kelliex liċenzja tat-triq, tirriżulta ppruvata billi mill-assjem tal-*affidavits* jirriżulta illi (i) fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi l-imputat kien qiegħed isuq il-vettura in kwistjoni, u (i) fid-data u ħin indikati fil-komparixxi l-liċenzja tal-vettura in kwistjoni kienet skaduta.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija il-Qorti filwaqt li tiddikjara l-ewwel imputazzjoni preskritta, wara li rat l-artikolu relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Art. 22 tal-Kap. 446 issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u fiċ-ċirkustanzi minflokk tinfliġġi piena qegħda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Qabel ma tat l-ordni l-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk iwettaq xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali. Fid-dawl tal-Art. 25(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti hija tenuta li ma timponiex skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan.**

**V.G. Axiak**
**Maġistrat**

**Y.M. Pace**
**Dep. Reġistratur**